

Brussell, 3 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14671/23

LIMITE

UK 216

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM (2023) 527 |
| Suġġett: | Prinċipji gwida għal djalogi strutturati skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) - Adozzjoni |

1. Wara l-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tas-26 ta' April 2023, fejn dak il-Kumitat esprima appoġġ għall-esplorazzjoni ta' aktar oqsma ta' kooperazzjoni mar-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK), il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ddiskutew il-prinċipji li jenħtiegħ jiggwidaw id-djalogi strutturati previsti skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK).

2. Dawn id-diskussjonijiet laħqu l-qofol tagħhom fl-abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta li jinsab fid-dokument ST 9070/4/23 REV 4, li ntlaħaq qbil dwaru fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit fl-24 ta' Ottubru 2023. Id-Dikjarazzjoni Konġunta hija akkumpanjata minn Dikjarazzjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument ST 14342/1/23 REV 1, li ntlaħaq qbil dwarha wkoll fl-istess laqgħa. Ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta dikjarazzjoni li tinsab fid-dokument ST 14583/23.
3. Il-Prinċipji Gwida li jinsabu fid-Dikjarazzjoni Konġunta jipprevedu l-kamp ta' applikazzjoni u l-mod li bih id-djalogi mar-Renju Unit taħt il-FKK ser jitwettqu mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u jipprevedu wkoll il-metodi u l-modalitajiet li bihom jitħejjew tali djalogi fil-Kunsill, filwaqt li titqies in-natura speċifika tar-relazzjonijiet mar-Renju Unit. Fl-aħħar nett, id-Dikjarazzjoni Konġunta tipprevedi l-preżenza tal-Istati Membri f'dawn id-djalogi bħala parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni, li d-dettalji preċiżi tagħha jeħtieġ li jiġu miftiehma bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli sa Ġunju 2024.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta msemmija hawn fuq, kif jinsab fid-dokument ST 9070/4/23 REV 4; u dwar it-test tal-abbozz ta' Dikjarazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument ST 14342/1/23 REV 1.
 - jirrakkomanda li l-Kunsill japprova, f'ismu, id-Dikjarazzjoni Konġunta kif tinsab fid-dokument ST 9070/4/23 REV 4 u d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument ST 14342/1/23 REV 1.